MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1422/2010

Mediterranean Trading Shipping Co. Limited

Vs

Baltimar A/S

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u tnejn u erbghin ewro (€3,442.00), minghand is-socjeta konvenuta, rapprezentanti bilanc dovut ghal servizzi provduti lilha mis-socjeta' attrici fil-perjodu ta' bejn il-hamsa u s-sebgha ta' Lulju tas-sena 2009, skond fattura datata 15 ta' Dicembru 2009. U minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas diversi drabi, hija baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef, erba' mija u tnejn u erbghin (€3,442.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------